**KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM**

**GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL**

Minuti tal-wiehed u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Tlieta 28 ta' Gunju, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Paragrafu 4: Joe Camilleri stqarr li f'isem ir-residenti kien talab li dan ix-xoghol isir wara l-festa biex ma jkunx ta' inkonvinjent fiz-zmien il-festa.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   Knis fil-Pjazza Madonna ta' Loreto - is-Sindku irrakkonta kif il-gimgha li ghaddiet, l-kenniesa lmentaw li wara li kinsu t-triq ta' quddiem il-kazin tal-banda, tlitt nisa li huma qalu li kienu minn tal-parrocca, bdew jikinsu il-bankina ta' quddiem l-istazzjon tar-radju tal-parrocca u bdew jixhtu dan il-knis ghal go triq li huma kienu ghadhom kif kinsu. Il-kenniesa qalu wkoll li din ma kienetx l-ewwel darba li dawn in-nisa ghamlu hekk, sahansitra darb' ohra hadulhom video bil-mobile jixhtu l-knis ghal go triq. Dak il-hin stess is-Sindku baghat e-mail lill-Arcipriet fejn gharfu b'dak li kien ghadu kif gara u talbu biex jnforma lil dawn it-tlett nisa sabiex darba ohra, l-knis jingabar gol-boroz suwed u jhalluh f'tarf il-bankina, biex b'hekk l-iscammel tal-Kunsill ikun jista jiborhom hu. Ir- risposta ta' l-Arcipriet lis-Sindku kienet:

   *B'riferenza ghall-email tieghek tal-bierah, 20 ta' Gunju, 2011 nixtieq nghidlek li gharraft lill-individwi kkoncernati u huma stess ghandhom ikellmuk. Nixtieq inwassallek dak li qaluli jigifieri li din il-prattika ilha ssir is-snin. Dan peress li l-iskart li qed ikollna fuq il-bankina quddiem ir-radju u l-librerija, (issa m'ghadx hemm l-ufficcju) qed ikun skart iggenerat mill-weraq tas-sigar u mix-xiri li jsir mill-kazini tal-madwar minn nies li jigu bil qeghda fuq hogor it-twieqi u fuq it-turgien tal-knisja.*

   *Ahna bhala gest generuz lejn il-poplu ta' Ghajnsielem s'issa m'ahna nimpedixxu lil hadd li juza l-proprjeta' privata tal-Knisja fl-ebda hin tal-gurnata lanqas bil-lejl.*

   *Nixtieq inwassallek ukoll l-ilment tal-persuni li jnaddfu l-knisja li qed isibu diffikulta li jkollhom inaddfu l-bankini ta' madwar il-knisja minn dak li jhallu warajhom nies li m'ghandhomx x'jaqsmu mas-servizz tal-knisja. L-iskart li jkollu jitnaddaf ta' kull gimgha jinkludi wkoll boroz u karti li jkunu ntremew fi nhawi ohra tal-pjazza u li jgib*

*mieghu r-rih. Verament jaghmel ikrah dan l-iskart u mhux sew li dak li hu skart pubbliku tbatih il-parrocca.*

*Nitlob lill-kunsill biex jara x'jista' jsir halli ma jkomplix jigi ggenerat dan l-iskart. Tajjeb li tittiehed azzjoni mmedjata peress li issa gej is-sajf u dan l-iskart soltu jizdied hafna. Jista' l-Kunsill jipprovdi aktar dustbins fid-dawra tal-pjazza kif kien hemm qabel ma tpoggew id-dustbins il-godda? Il-Kunsill jista' anke jara li tigi nfurzata ahjar il-ligi. Dan anke dwar hmieg li jhallu l-klieb fit-toroq – ezempju fuq il-bankina quddiem l-Ufficcju u d-Dar Parrokkjali.*

*Il-parrocca toffri li tghin biex issir kampanja ta' pubblicita' biex tinzamm l-indafa. Ngharrfek ukoll li minhabba li ser ikollna l-qniepen fuq iz-zuntier, din is-sena mhux ser ikun possibbli li l-parrocca taccetta li jsir Ghajnsielemfest fuq l-imsemmi zuntier minhabba l-kwantita' ta' skart li jigi ggenerat. Tajjeb jinghad li, ghalkemm kien isir it-tindif, minhabba l-kwantita enormi ta' skart li kien isir fuq it-tarag tal-knisja, konna dejjem nibqghu nnaddfu wara u kien ikollna ngibu ahna stess il-bowser tal-ilma biex nahslu t-ticpis li jkun sar bid-drinks. Zewg lokali possibbli ghal din l-attivita' jistghu jkunu l-Pjazza tad-Dehra jew il-Parking ta' hdejn il-Kazin tal-Banda.*

- Kompetizzjoni tat-Tpingija – Bhala parti mic-celebrazzjonijiet tal-Jum Dinji ghall-Ambjent, l-MEPA flimkien mal-AKL, qieghda torganizza kompetizzjoni tat-tpingija ghat-tfal. Tfal bejn l-etajiet ta' 8 u 12 il-sena jistghu jippartecipaw billi jpingu pjanta selvagga, annimal jew inset li jirraprezenta lir-rahal li jghixu fih.

- Is-Sindku baghat ittra lil Kummissarju tal-Pulizija rigward l-ghassa l-gdida fic-Centru Civiku sabiex ikun jsta jsir xi tip ta' kuntratt mal-Kunsill. Il-Kunsill ircieva acknowledgement ta' din l-ittra.

- Ittra lir-residenti – tibdil fil-gbir tal-iskart domestiku. Dan ser jibda jsir kull filghodu, mit-Tnejn sas-Sibt hlief nhar ta' Tlieta u l-Hamis.

- Is-surmast ta' l-Iskola tal-Arti talab lil-Kunsill jikteb ittra lil Ministru ghal-Ghawdex sabiex jinghata permess mil-Ministru biex din l-iskola taghmel ix-xoghol tal-istained glass fl-apertura li hemm fis-sala tac-Centru Civiku gdid.

- Stedina ghal ftuh ta' wirja fil-Librerija r-Rabat mil-Prim Ministru fl-okkazzjoni tal 50 anniversarju mit-twaqqif tal-Gozo Civic Council.

- Measure 313 –Gozo Action Group talab ghal-aktar informazzjoni fuq l-applikazzjoni ghal-fondi li ghamel il-Kunsill, fejn issa l-applikazzjoni hi kompluta.

- ECO Ghawdex – il-Kunsill kellu jirtira l-applikazzjoni minhabba li l-permess tal-MEPA kien fadallu biex johrog. Is-Sindku qal li probabilment il-Ministeru ghal Ghawdex ser jerga johrog skemi ohra t' EKO Ghawdex ghal dawk il-Kunsilli li ma kwalifikawx fuq l-ewwel applikazzjoni. Is-Sindku qal li nkunu nistghu napplikaw ghal bini ta' hitan tas-sejjieh, xiri ta' makkinarju eletroniku ta' transport biex jissaqqu x-xtieli u s-sigar kif ukoll tindif ta' widien u affarijiet ohra, li ma jkollhom bzonn permessi tal-MEPA.

- Attivita fir-Rahal tax-Xlendi – kompetizzjoni ghat-tfal bejn 16–30 il-sena, minn-irhula differenti fix-Xlendi. Il-pezenti qablu li johrogu avviz fil-kazini.
- MEPA - is-Sindku qara xi *notifications* li harget il-MEPA.

4. Ghajnsielem Fest

Wara diskussjoni fuq l-ittra ta' l-Arcipriet, il-Kunsill qabel li ghal din is-sena Ghajnsielem Fest ma jsirx ghaliex ma kienx qed jinghata l-verita rigward it-tindif tal-pjazza, l-ghada tal-Fest. Il-Kunsill qal li dan il-Festival ilu jsir 16 –il sena f'din il-pjazza u minn dejjem ha hsieb biex l-ghada tal-Fest jibghat iz-zewg kenniesa flimkien, mal-haddiema l-ohra kollha tal-Kunsill biex inaddfu l-pjazza. Fil-fatt il-Kunsill qatt ma kellu xi oggezzjoni minn naha tal-parrocca li l-pjazza ma tnadfitx u dan jikkonferma li l-pjazza dejjem tnadfet l-ghada ta' dan il-Fest. Il-Kunsill kien lest li ghal din is-sena biss jsir f'post iehor peress li kienu ser jitpoggew il-qniepen fil-pjazza, pero rigward it-tindif, il-Kunsill assulutament ma qabilx mieghu fejn dan ma kienx punt validu sabiex dan il-Fest ma jsir fil-pjazza. Hawnhekk is-Sur Stephen Mercieca stqarr li l-Arcipriet is-sena l-ohra kien qallu biex ghal din is-sena issir kunsultazzjoni mieghu qabel tithabbar id-data t'Ghajnsielem Fest, biex dan il-Fest ma jahbatx mal-programm tal-Parrocca rigward il-wasla tal-qniepen u l-quddiesa tal-qassis. Fil-fatt s-sur Mercieca hekk ghamel u kien biss hmistax il-gurnata ilu li l-arcipriet ikkonferma li Ghajnsielem Fest jista jsir fit-18 t'Awwissu. Is-sur Mercieca kompla jghid li huwa kien diga kellu ibbukjati l-palk u l-kantant ewlieni Glenn ghal dan il-festival. Ghalhekk minhabba li l-festival thassar, il-Kunsill qabel li jekk kien hemm xi spejjez ta' kancelliment involuti, dawn ghandhom jithallsu.

5. Centru Civiku

Is-Sindku qal lill-prezenti li l-Kunsill ircieva l-permess tal-MEPA rigward l-emendi fic-Centru Civiku, fejn il-librerija l-gdida hi nkluza. Gie deciz li peress din l-emendement ma kienetx fuq il-permess originali u t-tenders u l-istima tghaddi bhala quotazzjoni, l-Kunsill iddecieda li jixtri l-materjal tal-gebel u konkos, u t-tikhil u l-bini jsir mill-istess kuntrattur li qed jahdem fuq ic-Centru Civiku. Il-prezenti qablu ma dan.

6. Sistema gdida tat-transport pubbliku

Is-Sindku spjega kif fix-xahar ta' Marzu li ghadda saret stedina minn Transport Malta lis-Sindki kollha Ghawdxin fl-N.G.O. centre, x-Xewkija, fejn gew murija s-sistema ta' kif ser tidhaddem ir-rotta l-gdida ta' l-Arriva gewwa Ghawdex. F'din ir-rotta kien jidher li l-Arriva kienet ser tghaddi minn Triq Perellos jigifieri mil-Pjazza Madonna ta' Loreto u Pjazza Indipendenza wkoll. F'din il-laghqa is-Sindku sar jaf li hemm probabilita kbira li x-xarabank

ma kienetx ser tghaddi minn dawn it-toroq u ghalhekk qam jitkellem biex jiccara l-affarijiet kif kien ghadu ma gie approvat xejn. F'dak il-hin is-sur Manuel Delia fi hdan il-Ministeru inkarigat mit-Transport Publiku u li kien qed imexxi din il-laghqa, irrispona lis-Sindku fejn assigurah li mhux dan il-fatt ghax ix-xarabank kienet ser tghaddi mil-Pjazza. Is-Sindku kompla jghid li meta tqassmu *leaflets* bil-pjanti, rotot u l-hinijet il-godda tax-xarabanks f' kull dar f'Ghajnsielem, irrizulta li fil-fatt dawn ma kienux ser jghaddu mil-pjazza. Immedjatament, l-ilmenti ma naqsux fl-ufficcju tal-Kunsill. Meta ra hekk, is-Sindku qal li hu baghat email lis-sur Delia fejn infurmah b'dan kollu fejn anke fakkru x'kien qallu f'dik il-laghqa u qallu biex jara kif jaghmel sabiex ix-xarabank tibda tghaddi mil-pjazza kuljum bhal irhula kollha Ghawdxin. Is-sur Delia rrisponda li kienu qeghdin jimmoniteraw l-ilmenti kollha tal-Kunsilli. Hawnhekk il-Kunsill qabel li tintbaghat stqarrija f'kull dar fir-rahal biex turi li l-kunsill oppona li l-Arriva ma tghaddix mic-centru tar-rahal u ha l-passi necessarji.

7. Zjara fil-Palestina

Is-sur Joe Mifsud zar l-ufficcju tal-Kunsill il-gimgha li ghaddiet, fejn informa lis-Sindku li huwa qed jippjana z-zjara fil-Palestina ghal-ahhar ta' Lulju, bidu t'Awissu li gej b'deligazzjoni tal-Kunsill. Is-sur Joe Mifsud spjega li d-Direttur tal-Gvern Lokali u l-Onor. Chris Said huma nteressati li jakkompanjaw din iz-zjara wkoll. Is-Sindku talab lis-Segreatrju Ezekuttiv biex tinkiteb ittra lil OPM fejn issir talba ghal-fondi li tkopri din iz-zjara, ghaliex l-ispiza ma jistax jkopriha l-Kunsill wahdu.

8. LIFE +

Is-Sindku spjega kif ser johrog dan il-programm fejn ser issir applikazzjoni bhala Regjun t'Ghawdex. F'laghqa li saret ghas-Sindki mal-MUESEC Ghawdex fuq dan is-suggett, il-Kunsilli kollha prezenti qablu li l-ebda Kunsill ma jiflah ihallas €30,000 – 40,000 bhala *co-financing rate* ghal din l-applikazzjoni. Ir-regjun baghat ittra lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn huwa nizzel il-*co-finanacing rate*. Ghalkemm kien hemm tnaqqis fil-co-financing rate l-Kunsill xorta qabel li ma japplikax taht dan il-programm.

9. Pjazza Madonna ta' Loreto

L-avukata tal-Ministru ghal-Ghawdex baghtet il-kuntratt *draft* biex il-Kunsill jaghti is-suggerimenti tieghu. Is-Sindku qara l-email li baghtet is-Segretarju Ezekuttiv nhar is-16 ta' Dicembru lill-Avukata Titianne Cassar bil-bdil li jixtieq il-Kunsill fil-kuntratt. Il-Kunsill irealizza li l-emendi li kien talab il-Kunsill f'din l-email m'humiex imnizzla f'dan il-kuntratt ricenti. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dawn l-emendi fil-Kuntratt:

- il-knis fil-pjazza jsir mill-Kunsill. Il-Kunsill qed jikkommetti ruhu li jnaddaf l-parti biss fejn ser isir l-*embelishment.*

- Hlas fuq manutenzjoni u hsarat f'*street furnishing* li jkun hemm fuq il-pjazza jsir nofs b'nofs, bejn il-Kunsill u l-Parocca t'Ghajnsielem. Il-Kunsill jiehu hsieb li dawn il-hsarat jitrangaw u jibghat nofs il-kont lill-Parrocca t'Ghajnsielem.

- Il-Kunsill qabel fuq l-ahhar desinn tal-pjazza tal-perit Godwin Sultana, fejn gibjun mhux ser isir u minflokk ser isiru xi tankijiet mirdumin fil-pjazza. Is-sigar li hemm prezenti jinqalew u jithawlu xi palm minflok jekk ikun hemm approvazzjoni mil-MEPA u l-pjazza kollha tkun livell wiehed.

- L-ispiza tax-xoghol – il-Kunsill jista johrog sa massimu ta' €120,000

- Il-pjazza ghandha tkun accessibli 24 siegha kuljum u ma tistghax tintuza mill-vetturi.

- Il-Kunsill ghandu kull dritt li matul is-sena jtella` kull attivitijiet socjali u kulturali, non-religjuzi fuq il-pjazza sakemm ma tkunx tahbat m' attivitajiet ohrajn organizzati mill-parrocca. Dawn l-attivitajiet dejjem ikunu f'konformi tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali. Attivitajiet minn ghand terzi persuni li jixtiequ jkunu organizzati fuq il-pjazza ghandhom igibu permess kemm mill-Knisja kif ukoll mill-Kunsill lokali Ghajnsielem.

10. Knis

Is-Sindku ta' rendikont li tul ix-xahar ta' Mejju il-kenniesa kienu qed jillaxkaw u ma kienx qed isir knis kif suppost. L-iskrivana hadu r-ressenja tal-kennisa u irrizulta li fi hmistax huma hadmu 52% tal-hin li suppost jahdmu. Ghalhekk is-Sindku spjega li c-*cheque* ta' Mejju hareg b'48% tal-kont inqas. Is-Sindku kompla jghid li jekk din il-prattika tibqa ssir, jitwaqqaf il-kuntratt. Il-prezenti qablu.

11. Ghajn tal-Hasselin

Il-permess tal-MEPA ghadda board u gie approvat. Qabel jinhareg il-permess il-Kunsill gie ordnat jaghmel bond ta €250 lill-MEPA. Il-Kunsill qabel li ghandhom johorgu l-applikazzjonijiet tat-tenders, wahda ghal thammil biss u l-ohra ghal bini u l-finishing ta' l-Ghajn.

12. Customer Care

- Jitnehhew zewg turgien quddiem ic-Centru ta' Sant' Antnin – il-prezenti qablu li jitnehhew.

- Hmieg fit-Triq Cordina – niehdu hsieb li l-kenniesa jigbru dan l-iskart

13. Materji ohra:

Joe Camilleri

- Klassifikazzjoni ta' l-irhula fuq l-iskart – Ghajnsielem jinsab lura hafna.
- Tindif ta' Wied Simirat – is-Sindku spjega li huwa, flimkien mal-perit Salvu Micallef li huwa l-perit tad-dar li nbniet f'dan il-wied u s-sur Anthony Debono mis-C.M.U. marru fuq il-post u gie deciz kif ser tinbena r-rampa tal-garage tal-post skond il-permess approvat tal-MEPA u qablu wkoll kif jista jitnaddaf il-wied.
- Sigar tal-Palm fil-playing u fil-gnien wara l-knisja biex jinzabru. Jistghu jinzabru l-jokki fil-Pjazza tad-Dehra.
- Tappiera fuq il-bankina tac-Centru Civiku – perikoluza. Is-Sindku spjega li l-Enginiera tal-Enemalta tat ordni biex din ma tehilx ghalissa. Is-Sinkdu qabel li din it-tappiera titpogga temporarjament.
- Tarag fejn il-Knisja ta' Lourdes – is-Sindku spjega kif il-Kunsill kiteb kemm il-darba lid-Dipartiment ta' l-Artijiet izda baqa bla risposta. Hu qal li kien ghamel *site inspection* mas-sur Anthony Debono mis-C.M.U. fejn gie deciz li ghandhom jehlu xi tabelli mil-Kunsill biex ma jghaddi hadd minn hemm minhabba l-periklu u li s-sur Debono kien ser iqabbad lill-perit tas-C.M.U. biex jaghmel rapport u johrog quotazzjoni biex jitranga dan il-hajt.

Larry Buttigieg

- Bozza triq il-Fugazz – ir-residenta ma tixtieqx li l-bozza tehel mad-dar taghha. L-enginiera tal-Enemalta ma tatx l-approvazzjoni li jehel arblu hemmhekk.
- Xatt l-ahmar – inqasmet blata fejn naqas l-access ghal-bajja ta' l-Inglizi. Is-Sindku ser jibghat lil-haddiema tal-Kunsill biex jirrangaw dan l-access. Staqsa jekk din il-bajja tistghax titnaddaf l-alka bil barkun. Il-Kunsill ser jiccekja x'jista jsir
- Fontana fil-Pjazza 10 ta' Dicembru – il-kuntrattur qed jara x'jista jsir.
- Fanal quddiem il-buzaqq – jehel il-globu
- Platform li taghti ghal-bajja tal-Inglizi – is-Sindku qal li l-injam lesti u issa kemm jehlu.

Il-laqgha ntemmet fit-6.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 21 ta' Lulju, 2011 fit-3.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

A. Cauchi
Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv